**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ZGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LLM. (Lond.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Marzu, 2018**

**Talba Nru: 304/2017PA**

**Luay Al Shahmani**

**vs**

**Lalla Oulaya Mrini**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba pprezentat fl-4 ta' Lulju 2017 li permezz tieghu l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta thallsu s-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) rapprezentanti parti minn somma akbar ta' elfejn Ewro (€2,000) li kienet giet mghoddija lilha mill-attur bhala depozitu *inter alia* ghax-xiri prospettiv li kien qed jigi kontemplat fir-rigward tal-mobbli u benefikati ohra li nxtraw, jew li saru, mill-konvenuta gewwa r-restaurant mikri minnha b-isem 'Aladdin Snack Bar', fi Triq il-Mazzola kantuniera ma' Triq ic-Cern, Bugibba, San Pawl il-Bahar, liema xiri kien qed jigi kontemplat li jsir biss f'kaz li l-kirja ta' l-istess *restaurant* tghaddi ghaf-favur ta' l-attur – fatt li pero' ma sehhx. Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment, u tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 819/17, u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali.

Ra d-dokument anness mal-Avviz tat-Talba konsistenti f'kopja fotostatika tal-atti tal-ittra ufficjali ezekuttiva bin-numru 819/17 (fol. 2 u 3).

Ra r-Risposta tal-konvenuta li biha eccepiet li (i) s-somma ta' €2,000 thallset lilha biex ma tinnegozjax ma' persuni ohra sakemm jigi konkluz il-ftehim bejn l-attur u sid il-kera ta-fond Aladdin Snack Bar, Triq il-Mazzola, Bugibba, San Pawl il-Bahar, u hija rrifjutat diversi offerti ta' negozju minhabba f'dak il-ftehim; (ii) l-attur naqas li jiffinalizza l-ftehim ta' kiri minghajr raguni valida, u ghalhekk tilef din is-somma; (iii) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt, u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Sema' x-xiehda tal-partijiet u tax-xhieda mressqa minnhom.

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

L-attur ressaq b'xhud tieghu lil **Mario Camenzuli**,[1] surgent fil-Korp tal-Pulizija u habib tal-attur ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena.

Camenzuli xehed li, ghall-habta ta' Dicembru 2016, l-attur kien qallu li kien qed jaghmel negozju biex jiehu *restaurant* f'Bugibba. Waqt li l-attur kien il-Marokk, kien tah struzzjoni biex jghaddi flus li baghatlu l-attur lill-konvenuta. Effettivament, dan il-hlas ma ghamlux hu, pero' meta l-attur gie lura Malta, kien mar mieghu f'dan il-hanut Aladdino, fi Triq ic-Cern, u fil-presenza tax-xhud, l-attur ghadda lill-konvenuta erba' karti tal-hames mitt Ewro 'l wahda *'depozitu fuq il-hanut li kien ser jiehu'*[2]. Dak iz-zmien, il-hanut kienet qed toperah il-konvenuta, u l-lokatrici kienet Maltija mizzewga barrani.

[1] Ara xiehda, 3.10.2017, fol. 13-16
[2] Fol. 13

Ix-xhud irrapporta li d-diskors li sar fil-presenza tieghu kien li l-attur kien qed ihallas dawk il-flus bil-kundizzjoni li l-kirja tal-hanut iddur fuq l-attur, u li meta l-kirja tasal ghat-tigdid, tiggedded favur l-attur. Skond ix-xhud, dan id-depozitu sar fuq l-attrezzi li l-konvenuta kellha fil-hanut.

Ix-xhud xehed li hu kien prezenti wkoll meta l-attur iltaqa' mal-konvenuta, u mas-sid tal-hanut u zewgha, meta dawn tal-ahhar qalu car li ma riedux igeddu l-kirja wara li taghlaq ghal ghaxar snin ohra. Minhabba f'hekk, in-negozju ma sarx. Ix-xhud kompla jghid li, f'dik l-okkazjoni, staqsa lill-konvenuta x'kienu ser jaghmlu fuq id-depozitu, u hi qaltilhom li ma kellhiex flus, u li kienet lesta tirhan curkett li kellha pero' kienet imbezza' mill-inkwiet li seta' jkollha ma' zewgha. Biex jevita dan l-inkwiet, ix-xhud qal li ssuggerielha li thallas b'pagamenti, u minhabba f'hekk hu rrifonda s-somma ta' €2,000 lill-attur, u mbaghad kellu jigborhom ftit ftit minghand il-konvenuta. Din pero' ghaddietlu biss €500 u ma ridetx thallas aktar. Meta lmenta mal-attur, dan kien irrifondielu l-bilanc, u llum dan il-hlas ghandu jigbru l-attur.

In kontroezami, Carmenzuli qal li hu kien dahal fl-istorja ghaliex il-flus harighom hu, biex ma jinqalax inkwiet bejn l-attur u l-konvenuta. Huwa cahad li abbuza mill-uniformi tieghu mal-konvenuta. Insista li l-ftehim mal-konvenuta kien li din tirrifondi d-depozitu b'pagamenti ta' €500 'l wiehed. Huwa cahad li l-hlas ta' €2000 lill-konvenuta kien sar mill-attur bhala kapparra, biex izzommlu l-hanut, u ma tinnegozjahx ma' haddiehor.

In riezami, Camenzuli xehed li kien attenda ghal laqgha wahda bejn l-attur u l-konvenuta ghand l-avukat Dr. Jonathan Spiteri, pero' meta ra l-battibekki ta' bejniethom, telaq 'il barra qabel waslu s-sidien u ma baqax ghal-laqgha.

Min-naha tieghu, l-attur **Luay Al Shahmani**[3] xehed li lill-konvenuta sar jafha ghax kien imur jiekol fir-*restaurant* taghha 'Aladdin'. F'xi zmien, din qaltlu li kienet ser tiftah *supermarket* u li r-*restaurant* kienet ser tnehhih. Hu kien interessat li jidhol

[3] Ara xiehda, 5.12.2017, fol. 23-28

minflokha fil-kirja li kellha. Kienu ftiehmu li jhallasha €23,000 tal-affarijiet li ghamlet fil-hanut. Biex isserrah rasha mill-interess tieghu, kien ghaddhielha €2,000 akkont tas-somma miftiehma, u l-intendiment kien li dawn tirrifondihom lill-attur jekk in-negozju ma jsehhx. Biex isir il-ftehim, iltaqghu darbtejn ghand l-avukat, u fl-ahhar okkazjoni l-konvenuta kienet qaltlu li kellha l-flus biex tirrifondilu s-somma ta' €2000 jekk ma jaslux. Il-ftehim ma sehhx minhabba li ma ftiehmux mas-sid. Meta mbaghad talabha l-flus, il-konvenuta qaltlu li kellha problema dak il-hin, u li kienet ser tbiegh curkett biex thallas. L-attur qal li qallha biex ma tbieghux ic-curkett, u biex thallsu ftit ftit. Qal ukoll li Camenzuli, habib tieghu, kien offrielu li jmur hu jigbor il-hlasijiet biex ma jinqalax inkwiet bejn il-kontendenti. Tatu €500, pero' mbaghad qaltlu li ma ridetx thallas aktar, minghajr ma tat raguni. L-attur qal li ma kienx jaf li l-konvenuta kienet qed tinnegozja, jew kellha stediniet minghand haddiehor, biex tinnegozja mieghu l-kirja ta' dan il-hanut.

In kontroezami, l-attur xehed li lill-konvenuta cemplilha kemm mill-ajruport, u anke mill-Marokk, biex jghidilha li kien interessat fit-twellija tal-hanut, u fiz-zewg okkazjonijiet offra li jghaddilha depozitu ta' €2,000 bhala parti mis-somma ta' €23,000 li ftiehmu fuqha bi hlas ghat-twellija ta' dan il-hanut. Huwa cahad li baghat lil Mario Camenzuli, u lil certu Aymed, biex jaghtuha flus halli zzommlu l-hanut sakemm jigi lura. Huwa nsista li l-flus tahomlha hu stess, meta gie lura mill-Marokk.

L-attur iddikjara li, sakemm damu jinnegozjaw, il-konvenuta kienet tiftah il-hanut meta kien ikollha l-haddiema disponibbli, u l-kera baqghet thallasha l-konvenuta. Qal li l-ewwel marru ghand Nutar maghzul minnu, certu Thea Xerxin, li qaltilhom li s-sid kellu jipprepara l-kuntratt. Ghand in-Nutar, is-sidien kienu marru b'abbozz pero' hu ma accettax il-kundizzjonijiet li ghamlu huma, u ma ftiehmux. B'mod partikolari, is-sid kienet qed tirrifjuta li jkun hemm tigdid tal-kiri, u dan ma kienx accettabbli ghalih, kif ma kinetx accettabbli l-kundizzjoni li ma jdahhalx shab mieghu fin-negozju, u li ma jaghmel xejn fil-hanut jekk mhux bil-permess taghha. Wara dan, huwa kien issuggerixxa li jmorru ghand l-avukat tieghu. Jekk kien hemm dewmien, fiz-zewg okkazjonijiet, l-attur cahad li dan kien dovut ghal xi nuqqas tieghu. Is-sid baqghet tinsisti li ma tippermettix tigdid, u dan ma kienx accettabbli ghall-attur. L-attur cahad li hu hassru n-negozju.

Skond hu, il-konvenuta qatt ma qaltlu li l-kirja kienet ghal ghaxar snin, u qal li lanqas hu ma kien staqsa dwar dan lill-konvenuta. Huwa baqa' jinsisti li l-konvenuta ma kinetx qaltlu li ma ridetx tirrifondilu d-depozitu ta' €2000.

L-attur ressaq b'xhud tieghu lil **Nathalie Golovkene Cassar**[4], sid ta' dan il-hanut.

Hija ddikjarat li, f'xi zmien, il-konvenuta kienet introducietha mal-attur ghaliex kien interessat jiehu l-kirja minflokha. Iltaqghu l-ewwel fil-hanut, u f'dik l-okkazjoni x-xhud qalet li tatu abbozz tal-kuntratt kif xtaqet taghmlu mieghu. Wara dan, l-attur talabhom imorru ghand in-Nutar tieghu, ix-Xghajra, fejn pero' sabu abbozz differenti. Ix-xhud qalet li hi ma nvolvietx ruhha fin-negozjati li l-konvenuta taf li kienet qed taghmel mal-attur dwar il-bejgh tal-attrezzi li ghamlet hi fil-hanut. Fil-frattemp, il-hanut kien maghluq billi kien ser jiehdu l-attur.

Ix-xhud qalet li kien l-attur li riedhom imorru ghand l-avukat tieghu, wara li ma ftiehmux ghand in-Nutar tieghu. Ix-xhud qalet li lilha l-konvenuta qatt ma ressqitilha lil hadd iehor interessat li jiehu t-twillija tal-hanut. Qalet ukoll li ghand l-avukat tal-attur hi waslet wara l-kontendenti. Fi kliemha, *'Jiena kont qed nipprova nsib kompromess ma' l-attur pero' l-attur dejjem ried izjed u jien ma stajtx niftiehem mieghu b'dak il-mod'*.[5] Wara li ma ftiehmux quddiem l-avukat, regghu iltaqghu fil-hanut u issa l-attur talabha kera fissa ghal ghoxrin sena, li hi pero' assolutament ma ridetx. Ix-xhud qalet li, fil-presenza taghha, il-kontendenti ma kkustinjaw fuq xejn aktar.

In kontroezami, ix-xhud qalet li l-abbozz originali li hi pprezentat lill-attur kien jghid li l-kirja kienet ghal hames snin, bi dritt ta' preferenza fuq kirja ohra ghal hames snin ohra. Ix-xhud kienet fiehmet li l-attur riedha tmur ghand l-avukat tieghu ghaliex kien lest jaccetta l-kundizzjonijiet offruti minnha, pero' meta marru sabu xi haga differenti, u ma ftiehmux. Meta tawh ghaxar snin kif talab, l-attur talabhom ghoxrin sena. Hija tenniet li *'Ahna ghamilna hilitna kollha biex nippruvaw nsibu kompromess*

[4] Ara xiehda, 5.12.2017, fol. 29-31
[5] Fol. 30

*ma' l-attur pero' hu kien dejjem jitlob affarijiet godda u mbaghad ahna ma stajniex naccettawhom'.*[6] *'[W]aqt in-negozjati l-attur kien jaghtina x'nifhmu illi nistghu naslu u ser jaccetta t-termini taghna pero' mbaghad meta nergghu nitkellmu niskopru li mhux talli mhux qed jaccettahom imma qed jitlobna xi haga differenti'.*[7] L-attur talab li jkun jista' jinnegozjah hu l-hanut, u wkoll li l-kera ma toghliex, lanqas skond l-gholi tal-hajja. Dan pero' ma kienx accettabli ghas-sid.

Ix-xhud ikkonfermat li, fil-kors ta' dan kollu, il-hanut kien maghluq, pero' l-konvenuta baqghet thallas il-kera, u mbaghad meta sfaxxa kollox regghet bdiet toperah l-istess konvenuta.

Fix-xiehda taghha, il-**konvenuta Lalla Ulaya Mrini**[8] kkonfermat li hija kellha *snack bar* jismu 'Aladdin', fi Triq il-Mazzola, Bugibba, li kienet tikri minghand Nathalie Cassar. L-ewwel hames snin tal-kirja kienu bil-kera ta' €20 kujum, u fit-tieni sena l-kera kienet toghla skond l-gholi tal-hajja. Il-kirja bdiet f'Dicembru 2012. Qalet li hi ghamlet hafna xoghol fih, minhabba li kien ilu tlett snin maghluq, u nefqet madwar €35,000. Wara xi tlett snin u ftit xhur toperah, beda jugaghha daharha u ma setghetx tkompli. Kellmet lis-sid u talbitha li nefqet pero' din ma kinetx interessata, imma ppermettietilha ssib twillija u titlob kumpens minghand l-inkwilin il-gdid. Kellha klijent jismu Yasser li ntroducieha mal-attur. L-attur kellimha l-ewwel darba f'Settembru 2016.

Fl-istess gimgha li tkellmet mal-attur, il-konvenuta kienet avvicinata minn haddiehor li kien interessat jidhol fil-kirja minflokha, fosthom Bobby tat-Tattoos li ghandu hanut hdejha. Dak iz-zmien hija kienet qed titlob rigal ta' €40,000, pero' kull min mar jara l-post kien raha gholja din is-somma.

Il-konvenuta kompliet tghid li f'Ottubru 2016 kien cemplilha l-attur mill-Marokk, qallha li kien interessat u li l-flus ma kinux problema, ghaddieha mal-mara tieghu li staqsietha kinetx tiftakarha tghix Malta. L-attur taha l-kelma li kien ser jiehdu l-hanut bi

[6] Fol. 31
[7] Fol. 31
[8] Ara xiehda, 7.2.2018, fol. 34 et seq.

twillija, u fuq dik il-kelma hija ghalqet il-hanut. Wara dan, marru ghandha kemm Mario Camenzuli u anke certu Aymed joffrulha hlas ta' €5000 biex ma titkellimx ma' haddiehor fuq it-twillija tal-hanut. Hi pero' ma haditx flus minghandhom ghaliex kienet tat il-kelma lill-attur, li meta jigi Malta, jaghtiha s-somma ta' €40,000 li kienet qed titlob, u hi taghtih ic-cavetta.

Il-konvenuta kompliet tghid li l-attur gie lura mill-Marokk wara l-ewwel tas-sena, meta hi kienet lahqet bdiet tahdem go *supermarket*. F'Jannar 2017, kienu marru jkellmuha fis-*supermarket* l-attur, Mario Camenzuli u Aymed. Hi semmietilhom lin-nies kollha li wrew interess fit-twillija tal-hanut, u li ma nnegozjatx maghhom minhabba li kienet tat il-kelma lill-attur, u l-attur ikkummentalha kif kienet fdatu fuq il-kelma tieghu. F'dik l-okkazjoni, l-attur ghaddhielha €2000 fi flus kontanti talli zammet il-kelma u fdatu. Hu talabha taghmillu appuntament mas-sid, u hi hekk ghamlet. Il-laqgha saret fuq il-post. L-attur talab li jinghata kirja ghal ghaxar snin u s-sid accettat. Is-sid ghaddietlu abbozz u offrietlu li jiffirmaw dak il-hin stess, pero' hu qallha biex jiltaqghu ghand in-Nutar tieghu f'Marsascala. Lin-Nutar s-sid ghaddietilha l-permessi tal-bini u l-licenzji kummercjali, u kienet sodisfatta. L-attur imbaghad ried li l-kera ma tizdiedx, u mbaghad is-sid accettat li l-kera toghla biss wara hames snin ghal hamsa u ghoxrin Ewro kuljum. L-attur talab ukoll li jdahhal lil haddiehor fil-kirja. Is-sid kienet ghajjiet, u accettat din il-kundizzjoni wkoll. Skond il-konvenuta, ghand in-Nutar kienu ftiehmu fuq kollox, u n-Nutar riedet tikteb il-ftehim, pero' kellhom jitilqu.

Il-konvenuta kompliet tispjega li, aktar ma beda jghaddi z-zmien, l-attur aktar beda jnaqqas mis-somma tal-attrezzi li kienu ftiehmu fuqha bejniethom. Minn €40,000 nizel €35,000, u mbaghad €28,000. Ma riedx li jergghu jmorru ghand in-Nutar tieghu, ghax qal li Maltija zzomm ma' Maltija, u riedhom imorru ghand l-avukat tieghu n-Naxxar. Il-konvenuta tinsisti li, qabel dahlu ghand l-avukat, hi staqsiet lill-attur x'kienu ser jaghmlu bil-flus li kien ga taha, u hu qallha li dawk ma kinux ser jissemmew. L-avukat beda jikteb il-ftehim, u l-attur rega' naqqas is-somma li kien ser jghaddi lill-konvenuta ghal €27,000. Hi ma kellhiex triq ohra hlief li taccetta ghaliex il-hanut kien ilu tlett xhur maghluq, u ma kienx hemm nies, filwaqt li kienet waslet l-iskadenza tal-

kera. Meta regghet staqsiet lill-attur dwar il-hlas ta' €2,000 li kien ghaddhielha, dan rega' qallha biex ma ssemmiehomx. Il-konvenuta tghid li l-avukat taha abbozz, li kopja tieghu ezibietha max-xiehda taghha[9], biex tarah, halli jiffirmaw f'okkazjoni ohra, minhabba li hi kienet halliet il-hanut maghluq u kellha titlaq. F'dik l-okkazjoni, kienet attendiet ukoll is-sid.

Il-konvenuta tghid ukoll li, wara dik il-laqgha, is-sid kienet infurmatha li wara li ftiehmu fuq kollox, l-attur talab li l-kirja tkun ghal ghoxrin sena, minflok ghal ghaxar snin, u li dan hi ma kinetx ser taccettah.

Skond il-konvenuta, wara dan kollu, hi marret tnaddaf il-hanut, u kellha terzi jahdmulha, u kien mar l-attur u beda jghajjat maghha ghaliex raha fethet il-hanut. Imbaghad tatu c-cavetta ghaliex ried imur bil-perit u b'haddiehor, u hi ma setghetx tiftahlu. B'hekk, l-attur kien jaf bil-hsara li grat lill-hanut wara li kien ilu tlett xhur maghluq. Wara dan, l-attur rega' mar ghand il-konvenuta ma' Camenzuli u Aymed, u talabha tirritornalu l-hlas ta' €2,000 ghaliex il-hanut ma riedux. Il-konvenuta tghid li ma riedet taghtih xejn, ghaliex hija batiet hafna minhabba fih, u ghaliex il-flus kien tahomlha talli fdatu. Skond il-konvenuta, Camenzuli qallha li anke hu kien ser ibati, ghaliex parti mill-flus harighom hu. Camenzuli qallha li hu kien hareg €500. X'hin qamet biex tmur, dan mar warajha jghidilha dan id-diskors u hija offriet li tbiegh curkett u taghtihomlu, ghaliex bezghet minnu billi hu pulizija. Qaltilhom li riedet tiehu parir ta' avukat pero' hassrulha. Mario Camenzuli mar darbtejn jitlobha l-flus fis-*supermarket*, u hi tathomlu.

In kontroezami[10], il-konvenuta nsistiet li kien l-attur innifsu li qallha li s-somma ta' €2,000 kien tahielha talli qaghdet fuq il-kelma tieghu, meta kien imsiefer, u ma nnegozjatx ma haddiehor, u mhux bil-maqlub. Tenniet li dan id-diskors qalulha qabel dahlu fl-ufficju tal-avukat tal-attur, fin-Naxxar, f'gurnata li kienet tahbat it-Tnejn. Il-konvenuta xehdet ukoll li, meta talbet kopja tal-iskrittura lill-avukat tal-attur, dan beda jghajjat maghha u ma riedx jaghtihielha. L-ewwel darba li kellmet avukat kien wara li tat

[9] Dok. ABX1, fol. 41
[10] Ara xiehda 7.2.2018, fol. 39, u kontinwazzjoni, 21.2.2018

€500 lil Mario Carmenzuli. Hija cahdet li l-hanut kienet ghalqitu ghaliex marret tahdem fis-*supermarket*, imma ghaliex riedu l-attur. Filfatt, wara li sfaxxaw dawn in-negozjati, il-hanut regghet fethitu u hadmet fih hi.

Il-konvenuta ressqet b'xhud tieghu lill-**avukat Dr. Jonathan Spiteri**[11], li kkonferma l-abbozz redatt minnu u pprezentat fl-atti. Huwa qal li, fuq hafna punti mill-ftehim, il-partijiet riedu jiddiskutu mas-sid, u kien ghad ma hemmx ftehim.

Ikkunsidra wkoll li:

Din hija kawza li l-attur qed jaghmel kontra l-konvenuta ghar-rimbors tas-somma ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) li huwa jirritjeni li l-konvenuta ghadha qed izzomm indebitament, wara li din is-somma giet mghoddija lilha akkont tal-prezz tal-bejgh ta' attrezzi kummercjali li din ghamlet fil-hanut 'Aladdin' f'Bugibba, soggett pero' ghat-trasferiment tal-kirja tal-istess hanut, liema trasferiment baqa' ma sehhx.

Il-konvenuta tirritjeni li ma ghandha thallas xejn, ghaliex dan il-hlas ma giex mghoddi lilha bhala depozitu akkont, imma bhala kappara, biex l-attur jassigura ruhu li t-twillija ma tinnegozjahiex ma' haddiehor fiz-zmien li hu kien assenti minn Malta.

It-Tribunal kellu l-opportunita' li jisma u jevalwa direttament ix-xiehda tal-partijiet kollha interessati, u partikolarment tal-kontendenti, tas-sid tal-hanut, u tal-habib tal-attur Mario Camenzuli li kien jakkumpanjah fil-laqghat, u li assuma responsabbilta' personali meta, kif jghid hu, ghadda l-flus lill-attur, u ha fuqu l-obbligu li jigborhom hu minghand il-konvenuta. It-Tribunal qies sewwa dak kollu li nghad, u senjatament il-verzjonijiet kuntrastanti tal-fatti kif graw moghtija mill-attur u minn Mario Camenzuli, paragunati mal-verzjoni konsistenti li tat il-konvenuta fix-xiehda taghha, u fil-kontroezami. Fid-dawl ukoll ta' dak li xehdet is-sid Nathalie Golovkene Cassar, it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li, fuq bilanc ta' probabiltajiet – u ghalhekk aktar iva milli le – il-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenuta Lalla Oulaya Mrini ghandha

[11] Ara xiehda, 21.2.2018

aktar mis-sewwa u dana ghas-segwenti ragunijiet: (i) ladarba l-attur cempel kemm-il darba, anke mill-Marokk, u baghat hbieb tieghu, ghand il-konvenuta, biex jassigura ruhu li din ma tinnegozjahx ma' haddiehor, allura f'dak l-istadju verament kien qed jibza' li fl-assenza tieghu din setghet taghlaq in-negozju ma' terzi interessati, u kellu bizgha li l-kelma tieghu u taghha ma jkunux bizzejjed biex izommuha milli taghmel dan; (ii) il-konvenuta ma talbitx hlas ta' depozitu fuq il-prezz tal-attrezzi li nnegozjat dwaru mal-attur u ghalhekk dan ma kellux ghalxiex jghaddilha hlas qabel ma tlaqqghu mas-sid, u jigi konkluz il-ftehim dwar it-twillija, meta n-negozju tal-bejgh tal-attrezzi kien jiddependi fuq dak il-ftehim l-iehor mas-sid; (iii) il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuta fix-xiehda taghha, u fil-kontroezami twil li sarilha, kienet ghal kollox konsistenti, u t-Tribunal ma ghandux raguni ghalxiex ma jemminx li l-attur stess kien qal lill-konvenuta, qabel dahlu fl-ufficju tal-avukat tieghu, li l-hlas mghoddi kien kapparra, u mhux parti mill-prezz tal-attrezzi; (iv) is-sid, li hija terz ghall-kontendenti u li f'mohh it-Tribunal assolutament ma kellha ebda interess f'din it-transazzjoni – ghaliex il-kera kienet, u baqghet, tirceviha minghand il-konvenuta – ikkorroborat il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuta, u senjatament li n-negozjati hadu fit-tul, u li t-twillija ma sehhitx ghaliex il-konvenut dejjem ried xi haga aktar, sal-punt li t-talbiet tieghu assolutament ma kinux aktar accettabbli ghas-sid.

Fis-sottomissjonijiet orali, l-attur jinsisti fuq il-posizzjoni tieghu ghab-bazi tar-rifuzjoni in parti li l-konvenuta ghamlet, meta rrifondiet is-somma ta' €500 lill-habib tieghu s-surgent Mario Camenzuli.

It-Tribunal jidhirlu li, anke hawn, il-verzjoni li tat il-konvenuta ghandha aktar mis-sewwa, mill-verzjoni moghtija mill-attur. It-Tribunal ma jemminx li Camenzuli kien jakkumpanja lill-attur fi kwazi kull laqgha li kellu mal-konvenuta – saret fejn saret – semplicement ghaliex kien habib tal-attur. Wisq anqas jara li kien hemm raguni ghalxhiex Camenzuli johrog il-flus hu, bl-obbligu li jigborhom hu minghand il-konvenuta minflok l-attur, meta kien jaf li l-konvenuta kellha problemi finanzjarji, u ghalhekk jigi jesponi ruhu ghal krediti ta' haddiehor. Meta jqis li l-konvenuta, li ghadha zghira u tghix f'pajjiz barrani, mexxiet wahedha n-negozjati mal-attur, it-Tribunal ma jarax raguni tajba

ghalxhiex l-attur kien jiehu mieghu ragel jew tnejn, wiehed minnhom Malti u ufficjal tal-korp tal-pulizija – li l-konvenuta ammettiet li kienet tibza' minnu – kull meta jmur jitkellem maghha fuq dan in-negozju. F'dan il-kwadru, it-Tribunal jidhirlu li, aktar iva milli le, il-konvenuta kienet indotta thallas dak li dehrilha li ma kienx dovut minnha (€500) lill-attur, ghaliex kellha bizgha minn min kien qed imur jitlobha l-hlas b'persistenza fil-lok tan-negozju l-gdid taghha.

Fl-ahharnett, it-Tribunal mhux konvint mir-rieda tajba li l-attur jghid li kellu biex jaghlaq dan in-negozju, kemm mal-konvenuta u anke mas-sid tal-hanut. Is-sid xehdet car li hija kkoperat tant mal-attur li ghaddietlu abbozz tal-kirja li riedet fl-ewwel inkontru taghhom – fatt importanti hafna li ma ssemmiex fix-xiehda tal-attur u lanqas fix-xiehda ta' habibu Mario Camenzuli – u li kienet disposta tilqa' t-talbiet kollha li ghamlilha, sahansitra li ccedi l-awment fil-kera, biex it-twillija ssehh. Evidentement, pero', l-attur ried dejjem xi haga aktar, u dan johrog car mill-fatt li bidel anke l-konsulenti tieghu, u xorta l-ftehim baqa' ma sehhx.

Il-kapparra fil-kuntratt ta' bejgh tinsab regolata fil-ligi taghna bl-**art. 1359** tal-Kodici Civili li jipprovdi hekk:

> **1359.** Jekk b'wegħda ta' bejgħ tkun ġiet mogħtija kapparra, kull waħda mill-partijiet tista' terga' lura mill-kuntratt: il-parti li tkun tat il-kapparra billi titlef din il-kappara, u l-parti li tkun irċevietha, billi trodd darbtejn daqsha, kemm-il darba ma jkunx hemm użu xort'oħra dwar dak il-kuntratt partikolari li għalih tkun ġiet mogħtija l-kapparra.

Ladarba l-hlas li l-attur kien ghadda lill-konvenuta kellu min-natura tal-kappara, u t-twillija ma sehhitx b'nuqqasijiet tieghu – u mhux tal-konvenuta – allura l-attur m'ghandux jedd ghar-rifuzjoni li qed jitlob b'din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq moghtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, u jichad it-talba tal-attur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-attur.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**

**Gudikatur**